# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 13 ta' Lulju 2023**

**Kawża Numru: 7**
**Rikors Guramentat Numru:- 284/2016JVC**

**Peter Brincat (KI 90852M) u Doreen Brincat (KI 0359853M), Kathleen Darroch (KI 0037892A), Richard Bonello (KI 120237M), Andrew Borg (KI 413662M), Maurizo Urso (KI 0030349A), Albert Caruana (KI 532328M) u Joan Caruana (KI 0447234M), Mark Caine (KI 0119056A) u Cindy Allbeury (KI 118581A), John Vella (KI 499870M), John Said (KI 74076A) u Stephen Parnis England (KI 197863M)**

**vs**

**Mario Cassar (KI 579754M) u Rosalie Cassar (KI 115153M) u permezz ta' digriet data 8 ta' Frar 2022 l-atti gew trasfuzi f'isem Mario Alexander Cassar, Nadia Cassar u Andrew Cassar stante li Rosalie Cassar mietet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Peter Brincat et talbu kif isegwi:

'1. Illi r-rikorrenti, kif ukoll il-konvenuti huma ikoll sidien ta' appartamenti u garage spaces li jiffurmaw parti mill-blokk ta' bini Palm Court, Triq il-Mensija San Giljan;

2. Illi r-rikorrenti ghandhom access bil-vetturi ghal-garage spaces taghhom minn rampa li tizbokka fi Triq Forrest, San Giljan, kif ukoll access bir-rigel minn grada li mill-garage space taghti ghal passagg u r-rampa msemmija;

3. Illi fis-7 ta' Frar 2016, minghajr il-kunsens u l-gharfien tar-rikorrenti, il-konvenuti, jew wiehed minnhom, biddlu jew qabbdu lil min ibiddel is-serratura tal-grada u qed jirrifjutaw li jaghtu kopja tac-cavetta l-gdida lir-rikorrenti;

4. Illi b'hekk l-istess rikorrenti gew mcahhda mid-dritt ta' access li ghandhom u ilhom igawdu;

5. Illi r-rikorrenti ghalhekk kellhom jifthu din il-kawza;

6. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll fil-konfront tal-atturi ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jisporgaw l-ispoll u jirrintegraw lir-rikorrenti fit-tgawdija tal-access billi jew jaghtu kopja tac-cavetta l-gdida tal-grada jew jergghu jqieghdu s-serratura l-antika;

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jottempraw ruhhom fiz-zmien hekk moghti lilhom, tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu l-istess xoghlijiet jew azzjonijiet u dan a spejjez tal-konvenuti jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-pulizija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentat ta' Mario Cassar et li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi b'mod preliminari u bla pregudizzju ghar-rimanenti eccezzjonijiet, l-atturi jehtiegu juru u jippuvaw l-interess individwali taghhom fil-prezenti kawza.

**2.** Illi, b'mod preliminari u bla pregudizzju ghar-rimanenti eccezzjonijiet, l-konvenuta Maria Rosaria *sive* Rosalie Cassar ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju u dan ghax l-

allegat att materjali spoljattiv allegat mill-atturi ma sehhx minnha u ghalhekk ma tistax tinstab responsabbli ghal att li hi qatt ma wettqet jew kienet partecipi fih.

**3.** Illi, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk segwenti, l-atturi jridu jippruvaw l-elementi kollha ta' l-azzjoni minnhom imressqa ("actio spolii") u dan a norma ta' l-Art. 562 Kod. Proc. Civ. bi provi idoneji, tajbin u konkreti kif preskritt fl-Artt. 558 u 559 Kod. Proc. Civ.

**4.** Illi, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-istanza attrici hija kompletament nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**5.** Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xhieda, ritratti, email, kuntratt, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tal-intimati ntavolat nhar il-5 ta' Marzu, 2021 (fol. 170) fejn permezz tieghu talbu li l-Qorti tikkunsidra jekk hux opportun li jigi dikjarat li x-xhieda imsemmija fil-paragrafu 5 tar-rikors iddeponew il-falz waqt il-kontro-ezami taghhom fis-seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju u li tordna ghall-motivi hemm imsemmija l-isfilz ta' l-affidavits kollha li jissemmew fil-paragrafu 2 li *inter alia* huma manifestament kontra il-vot tal-Ligi, kontra kull serjeta' processwali u l-ghaliex di natura jippregudikaw lill-konvenut u d-difiza sobrija tieghu, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar id-9 ta' April, 2021 (fol. 178) u rat id-digriet tal-Qorti datat 15 ta' April, 2021 (fol. 182) fejn permezz tieghu l-Qorti ddekretat li stante li tqis li dak ilmentat mill-konvenuti dwar l-affidavits in kwistjoni aktar jista' jimpingi fuq il-valur probatorju

tal-istess affidavits aktar milli l-validita' tal-istess affidavits *per se*, cahdet it-talba. Il-Qorti ddikjarat ukoll li dan id-digriet m'ghandux jigi nterpretat li din il-Qorti qed taghti minn issa xi gudizzju fuq l-istess affidavits;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Frar, 2022 Dr Kevin Camilleri Xuereb ghall-intimat talab lil Qorti sabiex fil-procediment odjern jigi ordnat illi x-xhieda imsemmija sabiex jixdhu llum in kontro-ezami jittiehdu b'mod individwali, fis-sens li ma jkunux prezenti fl-awla u dan sabiex xhud ma jigix influwenzat mid-deposizzjoni tax-xhud iehor u tali talba qed issir skont l-Artikolu 173 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rat li Dr Christine Bellizzi oggezzjonat peress li t-tliet xhieda huma kollha rikorrenti u ghalhekk ghandhom dritt ikunu prezenti waqt ix-xhieda kollha li tkun qed tinghata u rat li l-Qorti qieset li din it-talba stante li tikkoncerna x-xhieda tar-rikorrenti, se mai kellha ssir fil-bidu tal-proceduri u mhux issa fi stadju ta' kontro-ezamijiet u s'issa fl-atti mhux qed tara xejn li jiggustifika li r-rikorrenti jigu mcahhda d-dritt fil-Ligi li jkunu prezenti waqt il-proceduri. Ghalhekk irriservat li tipprovdi ulterjorment skont x'jirrizulta mill-kontro-ezamijiet;

Rat ir-rikors ta' Mario Alexander Cassar u ta' Nadia Cassar u Andrew Cassar skont l-Artikolu 806 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn permezz tieghu qabel xejn infurmaw lill-Qorti li fil-mori tal-proceduri giet nieqsa l-intimata Rosalie Cassar u talbu li din il-kawza tigi trasfuza u legittimata f'isimhom, rat li Dr Christine Bellizzi rrimettiet ruhha ghall-istess u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni kif mitluba;

Rat illi fil-verbal datat 1 ta' Novembru, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

<u>**L-ewwel eccezzjoni preliminari – ir-rikorrenti jridu juru l-interess individwali taghhom:**</u>

Illi preliminarjament l-intimati eccepew illi r-rikorrenti jehtiegu juru u jippruvaw l-interess individwali taghhom fil-prezenti kawza.

Illi r-rikorrenti Albert Joseph Caruana (ara affidavit a fol. 15 et seq tal-process), Peter Brincat (ara affidavit a fol. 17 et seq tal-process), Richard Bonello (ara affidavit a fol. 19 et seq tal-process), Kathleen Darroch (ara affidavit a fol. 44 et seq tal-process), Prof. Andrew Borg (ara affidavit a fol. 45 tal-process), Maurizio Urso (ara affidavit a fol. 46 tal-process), Caine and Cindy Allbeury (ara affidavit kongunt a fol. 47 tal-process), John Vella u Sarah Curmi (ara affidavit kongunt a fol. 48 tal-process) u Stephan Parnis England (ara affidavit a fol. 49 et seq tal-process) ilkoll ikkonfermaw bil-gurament illi huma proprjetarji ta' diversi appartamenti fil-blokk Palm Court fi Triq Mensija, San Giljan u li regolarment kienu jaghmlu uzu minn gate u passagg li kien jaghti access mill-garaxx tal-istess blokk fejn kienu jipparkeggaw il-vetturi fl-ispazji ta' parkegg ghal Forrest Street f'San Giljan. A kuntrarju ta' dak iddikjarat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom huwa unikament ir-rikorrenti Richard Bonello li pprezenta kopja tal-kuntratt t'akwist tal-appartament internament immarkat bin-numru 4 u ta' zewg spazzji ta' parkegg

internament immarkati bin-numri 13 u 14 li jiffurmaw parti mill-blokk Palm Court fi Triq il-Mensija, San Giljan.

Ghalkemm kien unikament ir-rikorrenti Richard Bonello li pprezenta kopja tal-kuntratt t'akkwist tal-proprjeta' il-Qorti m'ghandhiex dubju dwar il-veracita' li r-rikorrenti lkoll jipposjedu appartament u spazju ta' parkegg fl-imsemmija blokka. Ghaldaqstant huwa car u ovvju li la darba r-rikorrenti ghandhom appartament u spazju ta' parkegg ghandhom interess individwali fil-prezenti kawza billi jekk l-access taghhom mill-uzu tal-grada gie limitat jinteressa lilhom ilkoll. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**It-tieni eccezzjoni preliminari – l-intimata Maria Rosaria sive Rosalie Cassar ghandha tigi mehlusa mill-gudizzju billi l-att spoljattiv ma sarx minnha:**

Illi bhala t-tieni eccezzjoni preliminari l-intimati konjugi Cassar eccepew illi l-intimata Maria Rosaria sive Rosalie Cassar (illum dahlu flokha wliedha billi giet nieqsa fil-mori tal-kawza) ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju u dan ghaliex l-allegat att materjali spoljattiv allegat mir-rikorrenti ma sehhx minnha u ghalhekk ma tistax tinstab responsabbli ghal att li hi qatt ma wettqet jew kienet partecipi fih.

Illi fid-deposizzjoni tieghu l-intimat Mario Cassar fis-seduta tat-2 ta' April, 2019 (a fol. 85 et seq tal-process) ammetta li kien huwa li biddel ic-cavetta tal-grada. Xehed illi:

'Dr Bellizzi: Dejjem in kwantu ghal din il-gate u specifikament ghal-lock ta' din il-gate x'gara?

Xhud: Fi Frar bdew jhedduni li se jisfurzaw il-gate.

Dr Bellizzi: Ghalfejn jekk kellhom ic-cavetta?

Xhud: Ghax jien qabel Frar kont biddilt ic-cavetta.

Dr Bellizzi: Meta biddilt ic-cavetta?

Xhud: Xi zmien f'Jannar.'.

Illi kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza, l-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur li kkommettieh, ghaliex hija fondata fuq id-delitt li jkun sar kontra l-ispoljat, u ghalhekk hija essenzjalment personali[1]. Illi fuq ammissjoni tal-intimat Mario Cassar huwa car li l-att sar minnu u li martu Rosalie Cassar ma kellhiex involviment fl-akkadut. Il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddelunga wisq gjaladarba hemm ammissjoni u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tilqa' din it-tieni eccezzjoni preliminari u tillibera mill-gudizzju lill-intimati Mario Alexander, Nadia u Andrew ahwa Cassar li dahlu flok ommhom illum mejta Rosalie Cassar.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-azzjoni odjerna hija l-hekk imsejha spoll privilegjat li hija regolata bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu kif isegwi:

'535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa

[1] Ara decizjoni fl-ismijiet **Paul Debono -vs- Thomas Agius Delicata** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta' Mejju, 1955.

mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'.

Illi dwar l-azzjoni ta' spoll privilegjat fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza nhar it-12 ta' April, 1958 fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** gie ritenut illi:

'L-"actio spolii" hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi l-Qorti ma tistax ma tibdiex billi titratta l-kwistjoni tant imqanqla tul il-process kollu ssollevata mill-intimati Cassar. Dan dwar il-fatt li skonthom l-affidavits tar-rikorrenti huma whud identici wiehed ghal iehor, uhud huma verzjoni mqassra ta' ohrajn, u ohrajn huma l-istess bhal ohrajn izda bil-paragrafi rrangati diversament. Segwa li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jkomplu jsostnu li l-konsegwenza naturali hija li l-affidavits m'humiex verament il-verzjoni tal-parti li hadet il-gurament fuqu, izda biss dokument miktub qaebl minn xi hadd u li mbaghad xi hadd iehor ghamlu tieghu. Ghalhekk il-Qorti hija obbligata tibda billi titratta din il-kwistjoni billi prattikament il-provi kollha tar-rikorrenti jinsabu f'dawn l-affidavits.

Illi minn harsa lejn l-affidavits tar/-rikorrenti Albert Joseph Caruana (ara affidavit a fol. 15 et seq tal-process), Peter Brincat (ara affidavit a fol. 17 et seq tal-process), Richard Bonello (ara affidavit a fol. 19 et seq tal-process), Kathleen Darroch (ara affidavit a fol. 44 et seq tal-process), Prof. Andrew Borg (ara affidavit a fol. 45 tal-process), Maurizio Urso (ara affidavit a fol. 46 tal-process), Caine and Cindy Allbeury (ara affidavit kongunt a fol. 47 tal-process), John Vella u Sarah Curmi (ara affidavit kongunt a fol. 48 tal-process) u Stephan Parnis England (ara affidavit a fol. 49 et seq tal-process) il-Qorti tinnota similjanza kbira bejn l-affidavits tar-rikorrenti kollha. Tali xebh jirrizulta mhux biss mill-uzu tal-lingwa ingliza fejn prattikament l-affidavits kollha gew intavolati bl-imsemmija lingwa (u fil-kontro-ezamijiet irrizulta li kien hemm individwi li kienu jafu jaghmlu uzu mill-lingwa maltija), izda

wkoll mit-tqassim tal-paragrafi u partikolarment mill-uzu tal-kliem fejn f'uhud mill-affidavits paragrafi shah huma fotokopjati wiehed mill-iehor.

Illi l-Qorti fil-principju tifhem li bejn ir-rikorrenti seta' kien hemm laqghat stante li fl-ahhar mill-ahhar il-kwistjoni tal-grada tolqot lil condomini kollha li kienu jaghmlu uzu mill-istess grada fi blokk ta' appartamenti u spazji ta' parkegg. Il-Qorti tifhem ukoll li seta' kien hemm skambju ta' ideat u anke ta' punti kif whud mir-rikorrenti nfushom jammettu li kien hemm. Pero' il-Qorti ma tistax tifhem u ma tistax taccetta li fil-kontro-ezamijiet taht gurament uhud mir-rikorrenti jittentaw idawru r-realta' ta' dak li hu ovvju u car ictu oculi. Dan qieghed jinghad partikolarment u mhux biss ghas-segwenti:

i. In kontro-ezami fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2020 (fol. 115) ix-xhud Peter Brincat jghid li l-affidavit sar minnu u ma qasmu ma hadd hlief mal-avukat u ma sar l-ebda accenn li dan inhadem ma xi hadd iehor. Sussegwentement fil-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2022 (fol. 234) irrizulta li Peter Brincat u Richard Bonello hadmu flimkien fuq l-affidavit taghhom. Jixhed:

  'Dr Kevin Camilleri Xuereb: Inti ma xxerjajtux la in draft form, la in final form, ma hadd, hekk ghidtli.

  Xhud: Le, le, le ahna ddiskutejnihom il-punti u fil-kaz ta' Richard Bonello, huwa identiku ghax jiena u Richard Bonello ahna l-amministraturi u nahseb kellna naqblu fuq dawn l-affarijiet li qed nghidu hawn. Ma nistghux bhala amministraturi jien nghid li l-ispejjez saru mill-association u

Richard Bonello jghid mod iehor. Ahna kellna access ghar-receipts, ghandi r-receipts tal-ispejjez li saru.

Qorti: Mela inti u Richard Bonello hdimtu flimkien fuq l-affidavits taghkom?

Xhud: More or less, pero' jien ma ktibtux ghal Richard Bonello.

Qorti: Imma hdimtuhom flimkien?

Xhud: Iva.'.

Il-Qorti tirrileva li fl-affidavit ma sar l-ebda accenn ghal fatt li l-affidavit ta' Peter Brincat u ta' Richard Bonello nhadem flimkien.

ii. Fil-kontro-ezami ta' Stephan Parnis England fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2021 (fol. 156) irrizulta li bicciet mid-deposizzjoni tieghu fl-affidavit tnizzlu wara li ha konsultazzjoni mal-amministraturi tal-condominium partikolarment fir-rigward fejn issemmew l-ispejjez in konnessjoni mal-grada. Jghid ukoll li l-affidavit inkiteb minnu mill-memorja tieghu precizament wara li saret il-laqgha. Sussegwentement fil-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2021 (fol. 194) stqarr li xi bicciet mill-affarijiet kien jafhom hu u xi affarijiet kien qalomlu Peter Brincat. Meta gie mistoqsi fl-istess seduta jekk jiftakarx jikteb l-affidavit ix-xhud jghid li ma jiftakarx u jghid li kull ma jiftakar huwa li qabel mal-kontenut. Fl-istess seduta x-xhud jerga jibdel il-verzjoni billi jghid b'referenza ghal affidavit li '*Nahseb li haddiehor kiteb ftit u jien ukoll. ... Ma niftakarx il-persentagg. Jista jkun 80/20 ma*

*niftakarx bl-ezatt il-persentagg. ... Probabilment gie minghand Peter jew Richard.'*.

iii. Fil-kontro-ezami John Paul Vella fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2021 (fol. 161) ix-xhud jghid li kien hemm laqgha bejn il-condomini u ma jeskludix li seta kien hemm xi draft u ha partijiet minn dan id-draft pero' x-xhud ma setghax jikkonferma liema huma l-partijiet li kiteb hu. Ix-xhud jishaq li fl-ahhar mill-ahhar dak kitbu hu. Imbaghad fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2021 (fol. 219) ix-xhud jghid li ma jiftakarx jikteb l-affidavit jghid '...*Jien per se ma niftakarx ezatt niktbu le.*' pero' jghid li la ghamel il-gurament tieghu huwa miktub minnu.

iv. Fil-kontro-ezami Prof Andrew Borg fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2021 (fol. 165) ma jeskludix li seta' kien hemm abbozz jew xi punti fuq xiex ghandhom jiddiskutu. Ix-xhud meta mistoqsi jekk xi hadd ghenux fil-kitba tieghu jew kitbux wahdu jwiegeb li bl-amment ma jiftakarx. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li x-xhud indika li ha l-gurament tieghu gewwa Kunsill Lokali meta minn fuq l-affidavit jirrizulta li x-xhud ha l-gurament tieghu quddiem il-Prokuratur Legali Davina Sullivan liema prokuratur il-Qorti ghandha konjizzjoni li tahdem il-Qorti.

Illi ciononostante rikonoxxut il-fatt li r-rikorrenti setghu qaghdu aktar attenti u flok qatghu linja dritta, kull wiehed minnhom kellu jaghmel affidavit fi kliemu, fis-sustanza l-Qorti ser tislet dak li hemm fl-affidavits limitatament ghal dawk li huma fatti tal-allegat ispoll.

Illi dwar l-elementi kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll privilegjat, mill-atti jirrizulta li l-intimati jikkontestaw l-ezistenza tal-elementi kemm dak tal-pussess, kif ukoll dak taz-zmien. Il-Qorti ser tibda billi titratta l-element taz-zmien u dan ghaliex jekk jirrizulta li dan l-element huwa mankanti l-Qorti ma jkollhiex ghaliex tinoltra oltre fuq l-elementi l-ohra tal-azzjoni.

Illi jibda billi jigi nutat li l-unici zewg xhieda li jikkonfermaw u jispecifikaw fid-dettall li ghamlu uzu tal-grada fid-data jew lejliet l-att spoljattiv kienu r-rikorrenti Albert Joseph Caruana (fol. 15) u r-rikorrenti Peter Brincat (fol. 17). Ix-xhieda l-ohra ghalkemm jaghmlu accenn ghad-data tas-7 ta' Frar, 2016 ma jispecifikawx fid-dettal l-uzu li kienu ghamlu fis-7 ta' Frar, 2016. Piuttost mill-kostruzzjoni tas-sentenza l-Qorti tifhem li l-accenn ghal din id-data huwa unikament bhala referenza u mhux konferma li huma effettivament ghamlu uzu mill-grada dakinhar tas-7 ta' Frar, 2016.

Illi l-verzjoni tal-fatti tax-xhud Albert Joseph Caruana u Peter Brincat li huma ghamlu uzu l-ahhar mill-grada fis-7 ta' Frar, 2016 ma hija sorretta minn ebda evidenza ohra. Il-Qorti tifhem li l-minimu li setghu jaghmlu r-rikorrenti partikolarment ir-rikorrenti Albert Joseph Caruana huwa li jressaq ix-xhieda ta' martu Joan Caruana billi skont ix-xhieda tieghu (fol. 15) dakinhar tas-7 ta' Frar, 2016 martu kienet mieghu meta marru l-quddies u ghamlu uzu mill-grada. Il-Qorti rat li kull ma ressqu r-rikorrenti bhala prova ulterjuri dwar l-element tal-*infra bimestre* hija prova dokumentarja konsistenti fl-email mibghuta mill-intimat Mario Cassar datata 7 ta' Frar, 2016 fil-hin ta' 12.27. Madanakollu minn qari akkurat ta' din l-email minn imkien ma jirrizulta li l-intimat indika li l-bdil tac-cavetta tal-grada sar dakinhar stess tas-7 ta' Frar, 2016 cioe' dakinhar li ntbghatet l-email.

Illi da parti tieghu l-intimat Mario Cassar jichad li huwa biddel is-serratura tal-grada dakinhar tas-7 ta' Frar, 2016 pero' jsostni li t-tibdil sar ghal ahhar ta' Jannar, 2016. Fis-seduta tat-2 ta' April, 2019 a fol. 85 et seq tal-process jixhed illi:

'Xhud: Fi Frar bdew jhedduni li se jisfurzaw il-gate.

Dr Bellizzi: Ghalfejn jekk kellhom ic-cavetta?

Xhud: Ghax jien qabel Frar kien biddilt ic-cavetta.

Dr Bellizzi: Meta biddilt ic-cavetta?

Xhud: Xi zmien f'Jannar.'.

Il-Qorti tinnota skarsezza fil-provi prodotti mir-rikorrenti li jikkollaboraw il-verzjoni tal-fatti hekk kif esposta minnhom. Il-Qorti ghandha quddiemha min-naha l-wahda l-verzjoni tal-fatti esposta mir-rikorrenti li ma hija sorretta minn ebda evidenza ohra u min-naha l-ohra hafna nkonsistenzi li jirrizultaw mill-kontro-ezamijiet ta' whud mir-rikorrenti. Fil-fehma tal-Qorti dawn id-diversi inkonsistenzi ma jimmilitawx favur il-versjoni tar-rikorrenti. In vista tal-premess, fuq il-bilanc ta' probabilita' l-Qorti ma tinsabx konvinta li r-rikorrenti resqu provi sufficjenti li l-att spoljattiv sar precizament nhar is-7 ta' Frar, 2016 filwaqt li din il-prova kienet tinkombi fuq l-istess rikorrenti. Jirrizulta li l-kawza odjerena giet intavolata nhar is-7 ta' April, 2016 filwaqt li l-att allegatament spoljattiv sehh f'Jannar 2016 b'dana li l-kawza ma gietx intavolta entro t-terminu ta' xahrejn. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara dan l-element bhala mankanti. In vista li wiehed mit tlett elementi neccessarji sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata huwa nieqed il-Qorti m'ghandhiex ghaliex

tinoltra oltre ruhha fl-elementi l-ohra u ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza odjerna bil-mod kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;
2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati;
3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimati Cassar u stante li ma giex sodisfatt l-element ta' *infra bimestre deduxisse* tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez interament a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**13 ta' Lulju, 2023**